VALLETTA

# MINUTI

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

It-Tnejn 9 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq Nofs in-nhar, Valletta, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Prof Alexiei Dingi – Sindku
Christian Micallef – Viċi Sindku
Dr Norman Shaw – Minority Leader
Vincent Fabri – Kunsillier
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Mario Camenzuli – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Vincent Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI**
Nil – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Vincent Farrugia – Kunsillier (minħabba membru tal-familja li kien l-isptar)

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 46 – 12 ta' Diċembru 2016 kienu ikkonfermati.

## 47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

47.3.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser issir laqgħa mal-Ministru Jose Herrera dwar l-iscammels li qed jidħlu fil-belt. L-Kunsill qabel dwar dan.

47.3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li dokumenti tat-Twinning intbgħatu lid-dipartiment min Tariq Shaikh l-uffiċċjal inkarigat mil-affarijiet ta' l-EU.

47.3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li bħal kull sena ser issir c-Chinese Spiring festival u l-kunsill bħal kull sena jagħti sehem tiegħu. L- kunsill qabel dwar dan.

47.3.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli qara l-ittra li ser ikun qed jiffirma flimkien ma għaqdiet oħra – 'Open letter appealing for Urgnet Action to Safeguarnd Valletta's outstanding universal value'. Ser issir press event u dettalji jingħataw aktar tard. L-Kunsill kollu qabel dwar dan.

47.3.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li rċieva email min Transport Malta li ser isiru xogholijiet oħra fuq toroq l-ġodda li saru minħabba li saret ħsara fuq l-kanen ta' ilma. Residenti kienu ilhom 4 ijiem bla ilma.

47.3.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li Triq L-Assejdu kellha terga tigi patched għaliex tarmac ma giex sew.

47.3.7 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser issir laqgħa ma Transport Malta minħabba li hemm ħafna affarijiet pendenti. L-kunsill qabel dwar dan.

47.3.8 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar l-fatt li qed ikun hemm ħafna complaints dwar l-indafa tal-lift f' Bieb il-Belt kif ukoll l-akwata.

47.3.9 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar laqgħa plenarja li ser issir 4 ta' Marzu għas-Sindki, Vici Sindki u l-Kunsilliera.

47.3.10 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar l-performace bonus tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill kollu

47.3.11 qabel dwar dan.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

47.4.1 **L-Minority Leader staqs dwar l-schedule of payments minħabba li ma kienux qed jiġu mal-minuti. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-accountant jaghmilhom kull quarter.**

47.4.2 l-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa dwar l- hampers li kienu qed isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill. Nforma li xi persuni qalulu li hu rċieva wieħed għax l-kunsill qed iqassam l-hampers lil kuntratturi. Is-Segretarju Ezekuttiv innegat dan kollu u nfurmat li dawk kienu ir-rigali ta' l-impjegati li tagħti hi.

47.4.3 L-Kunsillier Mario Camenzuli staqsa dwar min ser iħallas għal Udjenza mal-Papa. Is-Sindku nforma li kullħadd iħallas tieghu ħlief is-Segretarju Ezekuttiv.

## 47.5 Rapporti

47.5.1 Is-Segretarju ezekuttiv nforma li ser isir audit visit mil-commission biex jaraw l-progett – youth in action MT-1-3-e6-2012-R3. Dan huwa parti mil-audits li l-kummisssjoni tagħmel fuq proġetti li jkunu ingħataw fondi ewropej.

47.5.2 Is-Segretarju ezekuttiv nforma li dehret post fuq facebook li tghid fuq nuqqas ta nformazzjoni li ingħatat lil kunsill dwar ittra biex issir triq bit-tarmac. Is-Segretarju ezekuttiv nforma li l-Kunsill li kif kien miftihem ser jaghmel xogholijiet f'diversi toroq u triq ikkonċernata kienet fil-lista.

47.5.3 Is-Segretarju ezekuttiv nforma li ser tkun qed tagħmel l-group health insurnace policy ma' LCA. L-Kunsill qabel dwar dan.

47.5.4 Is-Segretarju ezekuttiv nforma dwar laqgħa li kellha ma Antoine Vella dwar l- presidenza. L-laqgħa kienet dwar l- parkegg li ser jiqaleb għal aħdar, dwar tinda tal-AFM bħala screening, scaffoldings li hemm fil-Belt u dwar jekk il-pulizija għamlux kommunikazzjoni mal-kunsill.

47.5.5 Is-Segretarju ezekuttiv nforma li ntbagħtet ċirkolari dwar Reġistru ta' l-attendenza tal-Kunsillieri.

47.5.6 Is-Segretarju ezekuttiv nforma li ser issir disabled parking bay lil omm Dr Norman Shaw minħabba li wara l-mewt ta' zewga ser tigi toqghod l-belt mat-tifel tagħha. Mrs Shaw għandha prblema bil-mobilta' u għandha disabled card. Saret l-applikazzjoni għal disabled parking ma transport malta.l-Kunsill qabel dwar dan.

47.5.7 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma dwar l performance bonus u l-iskali ta' impjegati.
Matthew Carbonaro - Town Centre Manager 6%-Scale 9
Tariq Shiakh - EU and International Affairs - Scale 11
Elaine Caruana – EU and International Affairs 6%
Tony Galea – Clerk 6% -Scale 12
Graeme Baldacchino Scale 13
Christabel Busuttil – Clerk 6% Scale 14
Joseph Griffiths – Works Coordinator 6% -Scale 14
Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 47.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

47.6.1 L-kunsill rċieva ittra min għand l-Akkademja Kulturali Pawlina sabiex jipprovdi sound għal- attivita peress li il-Kunsill qiegħed jippartecipa fl-attivita. Il-Kunsill qabel dwar dan.

47.6.2 l-Kunsill rċieva ittra min għand l-Uffiċċju Elettorali wara laqgħa li saret bejn l- uffiċċju u is-Sindku. Is-Sindku nforma dwar l-kas Ta Triq L-Ordinanza u Triq Francesco Laparelli.

47.6.3 l-Kunsill rċieva ittra m'għand l-għaqda tal-Pawlini dwar no objection tal-Festa.

47.6.4 L-Kunsill rċieva ittra m'għand l-Organizzaturi tal-Concourse d'Elegance li ser issir f'April 2017.

47.6.5 l-Kunsill rċieva cirkulari m'għand id-Dipartiment dwar l-laqgħat tar-residenti.

47.6.6 Il-Kunsill rċieva korrispondenza biex isir railing quddiem l- bieb ta 3 triq l- punent. L-kunsill qabel dwar dan.

47.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex quddiem ic-Chamber of Commerce jsir unloading bay. L-Kunsill ma qabilx dwar dan.

## 47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/i Amministrattiv/i

47.7.1 NIL

## 47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

47.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat

## 47.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

47.9.1

## 47.10 Mozzjonijiet

47.10.1 .

## 47.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

47.11.1 Il-laqgħa intemmet 8.30pm u ġiet aġġornata għad-6 ta'Frar 2017 fis- 6.30pm.

Konfermati, illum 6 ta' Frar 2017

IFFIRMATA

Prof Alexiei Dingli
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv